PDF Compressor Pro



Dawk kollha preżenti għall-ewwel laqgħa ta' Għawdex - Reġjun

Għawdex - Reġjun

Għawdex ingħata struttura ġdida amministrattiva meta ġie finalment rikonoxxut legalment bħala reġjun. Il-Gvern daħħal livell ġdid ta' tmexxija biex issa barra dik ċentrali rappreżetatha mill-Eżekuttiv tal-pajjiż u dik lokali mill-Kunsilli Lokali daħħal livell ieħor ta' tmexxija dak reġjonali fejn Malta u Għawdex inqasmu f'ħames reġjuni: Għawdex, Tramuntana, Ċentru, Xlokk u Nofsinhar.

Kull reġjun għandu l-President, il-Viċi-President, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kumitat Reġjonali tiegħu li jrid jiltaqgħa darba fix-xahar. Fost il-kompetenzi inizjali tiegħu, ir-Reġjun Għawdex ser ikollu s-sistema tal-infurzar lokali (*local enforcement system)* u s-sistema tad-dawl (*street lighting*).

Il-President tar-Reġjun huwa l-Avukat Samuel Azzopardi li jokkupa wkoll l-kariga ta' Sindku tar-Rabat. Il-membri l-oħra tal-Kumitat Reġjonali huma s-Sindki tad-diversi lokalitajiet f'Għawdex. Fl-ewwel laqgħa li saret ġewwa l-*Banca Giuratale* l-President Azzopardi spjega illi dan kien żvilupp importanti għal Għawdex u l-pajjiż kollu u talab lill-membri sabiex jagħmlu ħilithom kollha sabiex isaħħu lill-istess Kumitat Reġjonali sabiex dak li ġie akkwistat ma jisfax fix-



L-ewwel Laqgħa ta' Għawdex - Reġjun

xejn biż-żmien bħalma ġara fil-passat.

Dr Samuel Azzopardi b'ħeġġa kbira nieda programm sħiħ ta' ħidma għal dan il-Kumitat Reġjonali, ħidma li tinfirex fuq diversi aspetti bħal żgħażagħ, turiżmu, soċjali bl-iktar pass importanti kien l-iffirmar tal-protokoll u *memorandum of understanding tal-European Regions for Youth* fil-5 ta' Ottubru ġewwa Brussels.

Network prestiġjuża fuq livell Ewropew li tħaddan fiha reġjuni kbar ewropej bħal Emilia-Romagna, Wales, Aquitaine, Pays de la Loire, Hessen, Valencia, Aragona, Lower Silesia, Wiekopolska, u Vastra-Gothaland. Din hija *network* li ser toffri opportunitajiet u programmi għaż-żgħażagħ Għawdxin bħal skambji u programmi ta' mobiltà. Għawdex huwa l-uniku reġjun *NUTS III* għaliex r-reġjuni l-oħrajn huma kollha *NUTS II*.

Attwalment l-istruttura reġjonali qed tiġi ospitata mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria ġewwa l-*Banca Giuratale* fejn iktar tard din is-sena jiġu inawgurati uffiċini ġodda. Fl-aħħar Għawdex reġa' ngħatalu Gvern reġjonali kif kellu meta kien twaqqaf 49 sena ilu l-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.



Waqt il-preżentazzjoni ta' Ġieħ il-Banda. Jidhru mix-xellug il-Ministru Giovanna Debono, il-President tal-Banda George Cefai, Carmelo Cini, is-Sinjura Antonia Cini u s-Segretarju Stephen Cini.

Kunċert Annwali

Waqt il-kunċert annwali organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Santa Maria taż-Żebbuġ, Carmelo Cini li twieled iż-Żebbuġ u llum joqgħod il-Belt Victoria, ġie ppreżentat bl-unur '*Gieħ il-Banda*'. Is-sur Cini kkollabora mal-Arċipriet Mons. Alwiġ Vella u zijuh l-Arċipriet Mons. Franġisk Mercieca kemm meta kien residenti ż-Żebbuġ u anke snin wara li biddel ir-residenza fir-Rabat.

Ix-xogħol li wettaq b'mod volontarju matul dan iż-żmien kien jinkludi l-bini taċ-Ċentru Parrokkjali, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u soċjali u proġetti oħra marbuta mal-festa tar-raħal. Avveniment importanti li għadu fil-memorja ta' ħafna, kienet wirja ta' oġġetti u għodda marbuta ma' snajja' antiki u tradizzjonali li meta ġiet mtella' fin-nofs tas-snin sebgħin attirat interess u għadd kbir ta' viżitaturi.

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Tarċisio u Maria flimkien ma' binthom Josephine u r-raġel tagħha Raymond jidhru jaqsmu l-kejk tal-okkażjoni

Jiċċelebraw l-Anniversarji taż-Żwieġ

Tarċisio u Maria Portelli mir-Rabat, Għawdex, iċċelebraw il-50 anniversarju mit-tieġ tagħhom b'quddiesa ċċelebrata minn Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, fil-Katidral, segwit minn ikla fil-Lukanda Kempinski, San Lawrenz.

It-tifla tagħhom Josephine u r-raġel tagħha Raymond Grech, li ġew Għawdex apposta mill-Istati Uniti tal-Amerika, iċċelebraw ukoll il-25 anniversarju miż-żwieġ tagħhom. Huma għandhom erbat itfal oħra, Frankie, Miriam, Michael u George u żewġ neputijiet bniet, Sabina ta' 17-il sena u Samantha t'14.


Iċ-ċerimonja tat-tieġ ta' Tarċisio u Marija kienet saret fil-Knisja Katidrali fil-15, ta' Mejju tas-sena 1960. Dak inhar iċċelebra l-quddiesa Patri Michael Bezzina, tal-Ordni Franġiskan Minuri Konventwali, li jiġu ħu Maria, illum mejjet.

Tarċisio u wara ibnu Frankie għal ħafna snin kienu l-distributuri ewlenin f'Għawdex għall-Ġurnali stampati mill-*Union Press*.



Il-familji Portelli u Grech f'ritratt meħud għall-okkażjoni fil-Lukanda Kempinski

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna